MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 884/1999/1

**Raymond Pace u martu Jane**

**v.**

**Antoine Bartolo u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1999 gie kjamat in kawza Duncan Cutajar**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija fis-27 ta’ Gunju 2003 fl-ismijiet premessi mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Il-kawza, li hija wahda ghall-hlas ta’ danni, tirrigwarda incident pjuttost mhux tas-soltu li sehh fl-10 ta’ Marzu 1999 ghall-habta ta’ l-4.30 ta’ wara nofs in-nhar fi Triq Dun Karm, maghrufa aktar bhala l-*Birkirkara By-Pass*. F’dan l-incident safa milqut minn vettura, u miet fuq il-post, Bamako Gede. Bamako Gede kien ziemel tat-trott, proprjeta` ta’ l-atturi, u fl-incident kienu involuti direttament jew indirettament tliet vetturi: Megane misjuqa minn Antoine Bartolo (il-konvenut), Lada misjuqa mill-kjamat in kawza Duncan Cutajar, u Fiesta misjuqa minn Chris Cutajar (li mhux parti fil-kawza). Waqt manuvra ta’ sorpass, il-Lada u l-Fiesta habtu ftit ma’ xulxin, izda f’ebda hin dawn ma missew iz-ziemel jew is-serkin li kien qed jigbed. Il-Megane, invece, investiet is-serkin (jew, skond verzjoni moghtija minn Bartolo, iz-ziemel sfratta u baqa’ diehel fuq il-Megane). Ma hemmx kontestatzzjoni dwar il-valur tas-serkin, li tfarrak bicciet, u taz-ziemel. Il-kontestazzjoni hija dwar min kien responsabbli ghall-mewt taz-ziemel u t-tkissir tas-serkin.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

2. L-ewwel Qorti, bis-sentenza taghha aktar ‘l fuq imsemmija sabet lil Antoine Bartolo “responsabbli ghal kwart mit-tort mentri l-kjamat fil-kawza [Duncan Cutajar] responsabbli ghal tlett kwarti mit-tort ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha b’rizultat ta’ l-istess li sofrew l-atturi”; illikwidat id-danni fl-ammont ta’ Lm4,058 (erbat elef u tmienja u hamsin lira); ikkundannat “lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat skond ir-rispettivi htijiet, bl-imghax min-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat fil-kawza skond ir-rispettivi rebh u telf”; u dana wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Dana l-incident gara B’kara By Pass, B’Kara, qabel tasal ghal Oratorju fil-parti dritta tat-triq, inti u sejjer lejn l-Universita`.

“Kienu involuti fl-incident ziemel bis-serkin, karozza Lada, karozza Fiesta u karozza Renault Megane. Tal-karozza Fiesta mhux parti fil-kawza.

“Id-dinamika tal-incident kienet hekk. Is-serkin kien ghaddej fil-*lane* ta’ gewwa tat-triq bit-trott (pass imghaggel ta’ ragel) u l-Lada warajh. Hin minnhom il-Lada taqbzu u kif din qed terga’ tidhol fuq il-*lane* ta’ gewwa quddiem iz-ziemel, issir habta ma’ karozza Fiesta li kienet fuq il-*lane* ta’ barra ghaddejja ghad-dritt. Dak il-hin jinstema’ *brake* qawwi u tigi l-karozza Renault li tibqa’ diehla fis-serkin u tikkawza l-mewt taz-ziemel.

“L-ebda parti ma hi qed taghti t-tort ghal l-incident lis-sewwieq taz-ziemel. Dan kien ghaddej ghad-dritt fil-*lane* tieghu. M’hemmx qbil izda jekk meta gara l-incident iz-ziemel sfrattax jew le, izda hu cert li l-incident ma garax ghax sfratta iz-ziemel u jekk sfratta ghamel hekk wara li ntlaqat. Meta habtu l-Lada u l-Fiesta iz-ziemel kien ghadu ghaddej fil-*lane* ta’ gewwa ghaddej ghad-dritt.

“Wara li qieset il-provi kollha prodotti l-Qorti hi tal-fehma li t-tort principali ghall-incident kien tas-sewwieq tal-Lada li qabad u qabez iz-ziemel u biddel il-*lane* tieghu minghajr preavviz u minghajr *proper look out* meta ma kienx *safe* ghalih li jaghmel hekk ghax kien hemm vetturi ohra fuq il-*lane* ta’ barra.

“Regola kardinali ta' "*lane discipline*" hija dik li fil-passagg minn "*lane*" ghall-iehor, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna "*inconvenience or danger to the other vehicle,”*. App.Krim. Pul vs Nazz. Frendo 29.9.62. u il-Highway Code Sec 76 “*Before changing direction reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*.”

“Ghal min ikun ser jibdel id-direzzjoni, il-Highway Code jaghmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

Nru: 76 *Before changing directions reduce speed and keep watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*.

Nru: 79 *When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*.

“L-awtur Gibb fil-ktieb tieghu "*Trial of Motor Car Accident Cases*" (Section 101) jghid: "*It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose*.”

“Hu principju stabilit illi: "*The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can see, that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing*." (Ara "Sorrie vs Robertson" u "Pratt vs Bloom.")

"”Min ikun qieghed isuq karozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' *overtaking* minghajr ma jkun *safe* li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn zmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina." *(App.Krim Pul vs T. Meilak Vol 33 p4 p 723.)*

“Fil-kaz in ezami tal-Lada xehed li ddecieda li jaqbez iz-ziemel. Xeghel l-*indicator*, hares mill-mirja u ra li mhu gej hadd. Hu xehed li hares fil-mera ta’ gewwa u ta’ barra. Mill mera ta’ barra ma rahx [recte: rax] traffiku gej… Mill mera ta’ barra setgha jara fit-tul.

“Illi dika l-parti tat-triq fejn gara l-incident hija ghad-dritt u skond l-istess *driver* tal-Lada hu setgha jara fit-tul ghalhekk hu incomprensibbli kif meta hares ma rahx [recte: rax] lill tal-Fiesta li kien magembu fil-*lane* ta’ barra ftit lura minnu. Il-posizzjoni tal-Fiesta vicin tal-Lada, tirrizulta mix-xhieda tad-*drivers* tal-Fiesta u tar-Renault. Tal-Lada ma kellux raguni ghaliex ma jarax “*what is in plain view*”. Dan ifisser li hu jew ma harisx qabel qabez jew ma harisx sew. Tar-Renault xehed li tal-Lada biddel il-*lane* f’daqqa u minghajr preavviz u minghajr ma xeghel l-*indicator* mentri tal-Fiesta jghid li hu kien tant vicin tal-Lada li ma kienx f’posizzjoni li jara jekk dan kienx xeghel l-*indicator* dak il-hin.

“Jirrizulta li hin minnhom, meta tal-Lada qabez liz-ziemel, spiccaw tlieta hdejn xulxin. Iz-ziemel fuq gewwa, tal-Lada fin-nofs u tal-Fiesta fuq il-lemin, imrassas tant li tal-Fiesta laqat ic-*centre strip* biex jevita l-incident. Izda f’dika l-posizzjoni hu ma setghax jevita jolqot il-Lada.

“Minhabba l-manuvra inaspettata tal-Lada, tal-Fiesta kellu jibbrekja, jolqot ic-*centre strip* izda xorta ma setghax jevita li jolqot lill Lada. Kieku tal-Lada verament kien rega dahal fuq ix-xellug tieghu l-incident ma kienx isehh.

“Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li t-tort kien principalment tal-Lada.

“Meta l-Lada u l-Fiesta habtu ma xulxin, huma holqu ostakolu momentanju ghal vetturi li kienu gejjin fl-istess direzzjoni warajhom billi imblokkaw it-triq. Fil-fatt dak il-hin li habtu instemgha *brake* iehor qawwi li kien tar-Renault li sabet dana l-ostakolu quddiemha fit-triq cjoe` iz-zewg *lanes* kienu imblokkati. Biex jevita l-incident, tar-Renault, gibed kollox fuq ix-xellug tieghu, zamm *brake* qawwi, laqat il-bankina u spicca fuq is-serkin. Iz-ziemel spicca mgholli fuq il-bonnet tar-Renault u waqa ma l-art u miet. Kienet ir-Renault li dahlet fuq is-serkin u z-ziemel u mhux iz-ziemel li dahal fir-Renault. Ir-Renault dahlet fis-serkin ghax ma kelliex minn fejn tghaddi u sabet it-triq imblokkata.

“Il-Qorti trid tara pero` jekk tar-Renault kellux tort ukoll minhabba *self inflicted incapacity* minhabba *speed.*

“Jirrizulta li r-Renault kienet ghaddejja fuq il-*lane* ta’ barra wara l-Fiesta qabel sar l-incident probabilment bi *speed* bhal tal-Fiesta. Mill-iskizz u mir-ritratti ezibiti jidher li dawn iz-zewg vetturi hallew *brakemarks* twal ta’ aktar minn 30 metru l-wiehed u li l-vetturi ma kienux waqfu biss bil-*brake* imma baqghu sejrin wara l-impatt u tar-Renault mhux biss dahal fil-bankina izda ukoll gholla ziemel.

“Il-Qorti trid tara ghalhekk jekk kienx hemm kontributorjeta` da parti tal-konvenut (Renault) li

attwalment kien laqat u qatel iz-ziemel. Tal-Fiesta mhux parti fil-kawza kif diga ntqal.

““Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita` eccedenti li *speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche li *speed* tieghu ma jkunx dak li jista’ jissejjah "sfrenat".  ( S.Mizzi vs J. Grech 23/3/72 u A.Bartolo vs K. Micallef 16.2.73).

“Fil-kaz in ezami l-konvenut halla *brakemarks* ta’ 30 metru *plus* habat mal-hajt imbaghad maz-ziemel u ghollieh. Skond il-Highway Code vettura ghaddejja bil-75 km/h trid 15 m *thinking distance* u 37.5 *braking distance; b’overall stopping distance* ta’ 52.5 m. Fil-kaz in ezami l-*brakemarks* kienu 30 metres +. Skond il-Highway Code li *speed limit outside built up area* huwa ta’ 80 km/h ghall *motor cars*.  B’Kara By Pass ghandha tigi kunsidrata bhala *fast road*, u mhux *built up area*.

“Il-konvenut probabilment kien qed oltrepassa li *speed limit*  billi l-*brakemarks* kienu oltre il 30 *metres* u barra minn hekk ma waqafx mal l-ewwel mal-habta mal-bankina. Li *speed* ma setghax kien esagerat hafna billi ftit qabel fejn gara l-incident hemm *roundabout* u ghalhekk il-konvenut ma setax itella’ hafna *speed*. Inoltre s-sewqan tal-konvenut lanqas ma kien il-kawza determinanti tal-incident li kif diga rajna l-incident gara minhabba l-manuvra inkonsulta tal-Lada.

“Izda l-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana l-kaz, u minhabba l-fatturi ambjentali, li *speed* li kien ghaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tieghu kkontribwixxa u aggrava l-incident.

“”*Speed* jista jkun eccessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.” App Krim Pul vs R. Bugeja  30.6.1962.

“Il-konvenut kellu quddiemu serkin biz-ziemel fuq ix-xellug tieghu u wara z-ziemel kellu karozza Lada, u ezatt quddiemu fuq l-istess *lane* tieghu karozza ohra ghaddejja bi *speed* bhalu. F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut kellu jsuq bi *speed* tali li jkollu l-vettura taht kontroll ghall xi eventwalita li tista’ tinqala. Hu kellu jsuq b’mod li jista jwaqqaf il-karozza tempestivament. Il-*brakemarks* li halliet ir-Renault, id-daqqa mal-bankina u fuq iz-ziemel kollha jindikaw li hu ma kienx qed isuq bi *speed* prudenti f’dawk ic-cirkostanzi u minhabba f’hekk ma setghax jirreagixxi tempestivament meta sab l-ostakolu quddiemu. Din is-*self inflicted incapacity* aggravat l-incident.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li tar-Renault ikkontribwixxa ghall incident izda t-tort principali ma kienx tieghu izda tal-Lada li kien il *causa causans* ta’ l-incident. Tar-Renault ghandu jehel kwart mit-tort billi jahti inqas minn tal-Lada.

“L-attur xehed li z-ziemel kien tat-trott jigri l-Marsa u kien ghadu kif akkwistah bil-prezz ta’ Lm3,500. Oltre is-serkin, li tkisser irreparabilment, kien jiswa Lm350. L-harness jiswa Lm220 u ingabru minnu biss Lm15 u hemm Lm3 tar-RAR. B’kollox id-danni jammontaw ghal Lm4,058.

“Dawna l-ammonti ma gewx kontestati.”

**L-appelli**

3. Minn din is-sentenza appella principalment il-kjamat in kawza Duncan Cutajar, permezz ta’ rikors ta’ appell minnu pprezentat fil-15 ta’ Lulju 2003 (fol. 129), u appella wkoll incidentalment Antoine Bartolo flimkien mar-risposta tieghu tal-11 ta’ Awissu 2003 (fol. 142). Duncan Cutajar jikkontendi bazikament li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha. Huwa jikkontendi li l-kawza tal-hsara fis-serkin u tal-mewt taz-ziemel kienet biss l-imprudenza fis-sewqan ta’ Bartolo li effettivament baqa’ diehel fis-serkin u fiz-ziemel. Huwa jgib diversi argumenti ghala din il-Qorti ghandha tirrevedi l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, fosthom dik li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet illi l-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet dritta:

“Kienet ukoll skorretta l-ewwel Onorabbli Qorti meta ddikjarat li t-triq in kwistjoni kienet wahda dritta fit-tul u allura kien hemm distanza bizzejjed biex il-kjamat in kawza seta’ jara dak li kien *in plain view* meta bhala fatt fit-triq li gara l-incident u ftit qabel l-i*spot of impact* hemm *roundabout* u liwja fit-triq li jostakolaw il-vista dritta specjalment jekk sewwieq ikun ghaddej bl-i*speed* sfrenat li bih kien ghaddej il-konvenut Bartolo.” (fol. 130 - sottolinear ta’ din il-Qorti).

Jilmenta wkoll l-appellant Cutajar mill-mod kif l-ewwel Qorti evalwat il-provi biex waslet ghall-konkluzzjoni dwar il-velocita` li biha kien ghaddej Bartolo; u ghalhekk jishaq li l-kawza prossima ta’ l-incident kien biss “…l-i*speed* sfrenat tal-sewwieq tal-Megane, in-nuqqas ta’ prudenza fis-sewqan tieghu tenut kont tac-cirkostanzi u l-fatturi ambjentali tal-lokal u n-nuqqas flagranti ta’ *proper look out* da parti tieghu”.

4. L-appellant incidentali, Bartolo, filwaqt li jsostni li l-appell ta’ Cutajar huwa kostellat bi spekulazzjonijiet, jikkontendi li l-kawza unika u determinanti tal-incident (in kwantu jinvolvi z-ziemel u s-serkin) kienet il-manuvra li ghamel l-istess Cutajar. Fi kliem Bartolo:

“L-esponent jibqa’ jsostni li una volta kien ghaddej tajjeb u minghajr xkiel fil-karreggjata ta’ barra ma ghandhiex tkun imputata lilu htija kontributorja ghall-incident maz-ziemel minhabba allegata imprevedibilita` meta l-isfrattu taz-ziemel kien provokat mill-iskontru tal-Lada mal-Fiesta kkawzat unikament mill-manuvra azzardata tal-Lada bil-konsegwenza li mbaghad holoq sitwazzjoni li kienet neccessarjament imprevedibbli anke ghal xufier li seta’ kien ghaddej bi speed inferjuri ghal dak tar-Renault.” (fol. 146 - sottolinear hawnhekk ukoll ta’ din il-Qorti).

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

5. Jibda biex jinghad – u dan a skans ta’ ekwivoci – li ftit xhur wara li gie intavolat ir-rikors ta’ l-appell principali, il-

konvenut Bartolo pprezenta rikors (fit-13 ta' Awissu 2003, fol. 138) li permezz tieghu, wara li allega li n-notifika tar-rikors ta' appell – li saret, skond ir-riferta a fol. 128 *tergo*, fit-18 ta' Lulju 2003 – kienet nulla, talab li din il-Qorti tiddikjara nulla tali riferta "u taghti kull provvediment li jihrilha xieraq u opportun". B'digriet moghti fl-14 ta' Awissu 2003, din il-Qorti rriservat li tipprovdi fl-ewwel udjenza "wara li tisma' lill-Marixxall Victor Agius". Effettivament, kemm fl-ewwel udjenza – li pero` ghaliha Duncan Cutajar kif ukoll Antoine Bartolo ma kienux notifikati bl-avviz tas-smigh u ghalhekk ma deherux (fol. 158) – kif ukoll fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2006 – meta allura kulhadd ta ruhu b'notifikat – il-konvenut Bartolo ma regax isolleva l-kwistjoni minnu migjuba fir-rikors tat-13 ta' Awissu 2003, u anqas talab li jinstema' l-Marixxall Agius. Minflok il-partijiet kollha ghaddew biex jitrattaw l-appell u l-appell incidentali. Din il-Qorti allura tqis li Bartolo rrinunzja ghat-talba tieghu kontenuta fl-imsemmi rikors tat-13 ta' Awissu 2003. Hadd f'dik l-udjenza – anqas din il-Qorti *ex officio* – ma qajjem xi kwistjoni ta' nullita` minhabba xi terminu li ma giex osservat, u, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti ma tarax li ghandha f'dana l-istadju tissoleva hi xi kwistjoni simili. Ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra z-zewg appelli.

6. Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi; fi kliem iehor jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun effettivament waslet ghaliha, anke jekk din il-Qorti tkun tal-fehma illi kieku hija kienet tasal ghal konkluzzjoni xi ftit differenti, hija ma tvarjax dak l-apprezzament. Din il-Qorti, pero`, dejjem taghmel ezami akkurat tal-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, u jekk tkun tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, dik il-Qorti ghamlet valutazzjoni manifestament skorretta (sia jekk mill-punto di vista fattwali kif ukoll jekk mill-punto di vista legali), dwar xi punt wiehed jew aktar li jkunu gew sollevati fir-rikors ta' appell, allura jkun jinkonbi fuq din il-Qorti li tintervjeni u tissostitwixxi l-apprezzament taghha ghal dak ta' l-ewwel Qorti, u tasal ghal konkluzzjoni differenti –

kieku ma taghmilx hekk, din il-Qorti tkun qed tissanzjona ingustizzja.

7. F’dan il-kaz, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, b’ebda mod ma tista’ taqbel ma’ l-appellant Duncan Cutajar li hu ma kienx responsabbli f’mizura konsiderevoli ghall-incident li jinvolvi s-serkin u z-ziemel. Jibda biex jinghad li, kuntrarjament ghal dak allegat minn dana l-appellant principali, ghalkemm huwa veru li t-triq fejn gara l-incident – jew, aktar precizament, it-triq immedjatament qabel il-post fejn gara l-incident tal-habta bejn il-Lada u l-Fiesta – mhix perfettament dritta, il-konfigurazzjoni taghha, pero`, hija tali li jekk il-mirja jkunu ssetjati sew u jekk is-sewwieq jiehu l-izbriga li jhares sew minnhom (u mhux daqqa t’ghajn ta’ malajr fl-istess waqt li qed jibda l-manuvra tas-sorpass), tali sewwieq ghaddej fil-karreggjata ta’ gewwa (tax-xellug) ghandu vizwali tajba ta’ dak li jkun gej fil-karreggjata ta’ barra ghal distanza konsiderevoli warajh. Dan hu konfermat mill-istess appellant meta, fid-deposizzjoni tieghu tal-10 ta’ Lulju 2002 (fol. 107) quddiem l-ewwel Qorti huwa jghid hekk:

“Qabel ma qbist jien harist kemm fil-mera ta’ gewwa u kemm f’dik ta’ barra. Meta harist mill-mera ta’ barra li turini t-traffiku li gej mil-*lane* ta’ barra, ma rajtx traffiku. Jien ma kellix ghalfejn inhares minn fuq spallejja ghax il-mera taghtini *view* tajba. Meta gejt biex naqbez iz-ziemel jien bqajt ghad-dritt billi kien hemm distanza bejni u bejn iz-ziemel. Mill-mera ta’ barra jien stajt nara fit-tul.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Huwa ghalhekk inkomprensibbli ghal din il-Qorti kif, jekk Duncan Cutajar verament hares mill-mirja biex jara hux “safe” li jissorpassa z-ziemel li kellu quddiemu, hu ma rax il-Fiesta fuq il-*lane* ta’ barra li kienet xi ghaxar piedi warajh (ara d-deposizzjoni ta’ Chris Cutajar, fol. 91 u fol. 100). Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, jew hu ma harisx, jew ma harisx sew. Ghandu jigi precizat li n-nuqqas ta’ Duncan Cutajar kien li ma rax il-Fiesta li kienet “in plain view” u mhux, kif donnu jipprova jghid fil-bran riprodott fil-

paragrafu **3** ta' din is-sentenza, li ma rax il-Megane misjuqa minn Bartolo. Kienet il-habta bejn il-Lada u l-Fiesta li momentanjament ikkreat ostakolu li kif Bartolo induna bih, ghafas il-*brake* pero` tilef kontroll tal-vettura li kien qed isuq. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li kienet din il-manuvra totalment zbaljata ta' Duncan Cutajar li kienet il-kawza remota tas-sinistru li laqat iz-ziemel u s-serkin (u lil Mario Pace li kien riekeb fus is-serkin). Dana l-ostakolu momentanju seta' facilment jigi evitat li kienu l-appellant Cutajar qaghad aktar attent <u>qabel</u> ma beda l-manuvra ta' sorpass billi esplora sew x'kien gej minn warajh fil-korsija ta' barra li huwa kellu neccessarjament jinvadi biex jissorpassa z-ziemel u s-serkin. Ghalhekk l-appell ta' Duncan Cutajar qed jigi respint.

8. Din il-Qorti ftit li xejn, frankament, ghandha xi tghid dwar l-appell ta' Bartolo. Huwa veru li dana sab ostakolu momentanju quddiemu, mahluq mit-traskuragni ta' Duncan Cutajar, u li kieku mhux ghal dan l-ostakolu huwa (bhall-Fiesta li kienet quddiemu) kien jibqa' ghaddej jaqbez iz-ziemel u l-Lada li kienu fuq il-*lane* ta' gewwa; pero` din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi sodisfatta li l-imsemmi Bartolo kien qed isuq b'mod li, rinfaccat bl-ostakolu tal-vettura li kienet quddiemu fuq il-*lane* ta' barra (il-Fiesta) ma kellux kontroll totali tal-vettura tieghu meta gie biex jieqaf jew jirrallenta. Sewwieq huwa dejjem tenut li jirregola l-velocita` li jkun ghaddej biha anke fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li jkun jinsab fihom, fosthom id-distanza li jkun hemm bejnu u bejn ta' quddiemu. Din il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi li Bartolo wkoll kien negligenti fis-sewqan tieghu, u din in-negligenza kkontribwiet ghas-sinistru li laqat iz-ziemel u s-serkin. Id-deposizzjoni ta' Mario Pace (fol. 33) u l-affidavit tieghu (fol. 51) huma cari fis-sens li z-ziemel qatt ma sfratta qabel ma ntlaqat minn wara mill-Megane. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-mod kif l-ewwel Qorti attribwiet ir-responsabbilta`, cioe` ¾ ghall-kjamat fil-kawza Duncan Cutajar, u ¼ ghall-konvenut Bartolo.

9. Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali, u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom,

fic-cirkostanzi, jigu sopportati kwantu ghall-appell principali mill-appellant Duncan Cutajar; dawk ta' l-appell incidentali ghandhom jigu sopportati mill-istess Bartolo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------